Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/7536

27.12.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' Diċembru 2024

## li taħtar żewġ membri supplenti fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija

(C/2024/7536)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/942 jipprevedi li l-Kunsill għandu jaħtar ħames membri u l-membri supplenti tagħhom fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (il-"Bord Amministrattiv").

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/942 jipprevedi li membru tal-Bord Amministrattiv ma jistax ikun membru tal-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija u li l-membri tal-Bord Amministrattiv għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi.

(3) Fit-8 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ([2]) li ħatret tliet membri u tliet membri supplenti fil-Bord Amministrattiv għal perjodu ta' erba' snin mit-28 ta' Jannar 2024. Fit-12 ta' Ottubru 2024, waħda minn dawk il-membri supplenti, is-Sa Karin LUNNING, irriżenjat bħala membru supplenti tal-Bord Amministrattiv.

(4) Fl-24 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ([3]) li taħtar żewġ membri supplenti fil-Bord Amministrattiv għal perjodu li jintemm fit-28 ta' Jannar 2026. Fis-27 ta' Settembru 2024, wieħed minn dawk il-membri supplenti, is-Sur Wouter RAAB, irriżenja bħala membru supplenti tal-Bord Amministrattiv.

(5) Jenħtieġ li l-Kunsill jaħtar żewġ membri supplenti biex jissostitwixxu s-Sa Karin LUNNING u s-Sur Wouter RAAB għall-bqija tal-mandati rispettivi tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri supplenti fil-Bord Amministrattiv:

— Is-Sa Emmanuela TRULI, Greċja, b'mandat li jintemm fit-28 ta' Jannar 2028,

— Is-Sur Atanas GEORGIEV, Bulgarija, b'mandat li jintemm fit-28 ta' Jannar 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

LANTOS C.

([1]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/942/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023 li taħtar tliet membri u tliet membri supplenti tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU C, C/2023/1525, 13.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1525/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2024 li taħtar żewġ membri supplenti fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU C, C/2024/3502, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3502/oj).